MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 202/1996/1

**Joseph u Teresa mizzewgin Galea u b' digriet tat-tlettax (13) ta' Ottubru, 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi ta' Joseph Galea u cioe` f'isem Josephine sive Joyce mart Victor Muscat minnu legalment separata, Joseph Galea, Alfred Galea, Vincenza mart Thomas Grima, Maria Concetta mart Noel Farrugia u Maria mart Gaetano Frendo**

**vs**

**Charles Fenech, personalment u bhala mandatarju ta' ohtu Lilly Bird, assenti minn dawn il-gzejjer, (u lill-) Nazzareno u Consiglia mizzewgin Fenech**

**Il-Qorti:**

Preliminari.

B’citazzjoni tat-19 ta’ Jannar, 1996 l-atturi ppremettew illi fis-6 ta’ Frar, 1994, ghall-habta tal-4.00 pm, fi Triq Manwel Dimech, Qormi, waqt li l-atturi kienu qed isuqu l-karozza taghhom tat-tip ‘Mazda 323’ numru H-0418, din il-karozza kienet involuta f’kollizzjoni ma’ vettura ohra tat-tip ‘FIAT Strada’ numru T-5086 misjuqa minn Joseph Fenech li miet fl-istess incident; illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident u d-danni personali li soffrew, l-atturi nkorrew hafna spejjes u soffrew danni personali per durata kif gie iccertifikat minn specjalisti fil-materja, liema danni personali waslu ghal telf ta’ qligh da parti ta’ l-atturi; illi r-responsabbilita` ta’ dan l-incident u l-konsegwenzjali danni li sofrew l-atturi hija tal-konvenuti minhabba n-negligenza, traskuragini u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku li wera fis-sewqan tieghu l-awtur taghhom, Joseph Fenech; illi l-konvenuti, tramite l-kumpanija assikuratrici tal-awtur taghhom, dahlu fi trattativi ghall-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi, izda baqa’ ma ntlahaqx ftehim; dan premess l-atturi talbu l-Prim Awla tal-Qorti Civili li:-

1. il-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni kollha li garbu l-atturi konsegwenza tal-incident in kwistjoni li sehh fis-6 ta’ Frar, 1994;
2. li jigu likwidati d-danni li soffrew l-atturi konsegwenza tal-imsemmi incident, konsistenti dawn id-danni, kemm *f’damnum emergens* kif ukoll f’*lucrum cessans,* occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi; u
3. il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata, bl-imghax legali mil-4 ta’ Marzu, 1995, data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar, 1995 u bl-ispejjes inkulzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta’ Novembru, 1994 u tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar, 1995, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

B’nota tal-24 ta’ Mejju, 1996 il-konvenuti eccepew:-

1. Illi dwar l-ewwel talba huma, tramite l-kumpanija assikuratrici tad-decuius, dahlu fi trattativi fit-tul dwar likwidazzjoni tad-danni.
2. Illi, riferibilment ghat-tieni talba, l-atturi ppretendew danni mhux realistici tenut kont tac-cirkostanzi kolha tal-kaz.
3. Jekk il-Qorti tilikwida danni isegwi li dawn iridu jithallsu.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tad-19 ta' Mejju, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza billi iddecidiet hekk:-
1. fuq ammissjoni tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha li garbu l-atturi fl-incident in kwistjoni li sehh fis-6 ta' Frar 1994;
2. tillikwida d-danni fl-ammont ta' LM34,892.73, u
3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi din is-somma hekk likwidata ta' LM34,892.73 bl-imghax millum.
Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.
Biex waslet ghal din id-decizjoni l-ewwel qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
*"F'din il-kawza mhijiex qed tigi kontestata r-responsabbilita`. Difatti f'seduta mizmuma fit-18 ta' Dicembru 1996 fir-residenza ta' l-atturi, Dr. Joe Micallef Stafrace rrileva li l-konvenuti mhux jikkontestaw ir-responsabbilita`. Dan jista' wkoll jigi dezunt minn nota ta' l-eccezzjonijiet mnejn huwa evidenti li l-kontestazzjoni tikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni, primarjament it-telf ta' qligh futur (lucrum cessans).*

*Il-kaz jirrisali ghal incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Frar 1994 meta certu Joseph Fenech baqa' diehel bil-karozza tieghu fuq il-karozza ta' l-atturi li kienet qed tinsaq mill-attrici u li maghha kien hemm zewgha l-attur. Joseph Fenech miet. L-atturi sofrew diversi griehi li jinsabu elenkati, dawk ta' l-attrici fic-certifikat mediku rilaxxat mit-tabib kirurgu Mr Carmel Sciberras (fol-6 sa 10) u dawk ta' l-attur fic-certifikat mediku rilaxxat mit-tabib kirurgu Mr Carmel Apap Bologna (fol. 11 u 12). Minn dawn ic-certifikati jirrizulta wkoll li l-attrici ghandha b'konsegwenza tal-incident dizabilita` permanenti ta' 70% u l-attur*

*dizabilita` permanenti ta' 5%. Dwar dawn il-percentwali ta' dizabilita` m'hemm l-ebda kontestazzjoni.*

***Il-lucrum cessans fir-rigward ta' l-attur.***

*Meta gara l-incident l-attur kellu 74 sena bi dhul ta' LM2176 fis-sena percepibbli mill-pensjoni tas-sigurta` socjali u mill-British Pensions Office. Ghalkemm huwa xorta se jibqa' jippercepixxi l-pensjoni tieghu, xorta jrid isir kalkolu tat-telf ta' qliegh futur peress li anke jekk wiehed jikkunsidra l-ispejjes zejda li jkollu jaghmel minhabba d-dizabilita` tieghu dawn ifissru qliegh inqas ghalih f'sitwazzjoni fejn ir-restrizzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' att ingust ta' haddiehor mhumiex possibbli.*

*In vista taz-zidiet annwali li jinghataw, is-somma ta' LM2176 li huwa dahhal fl-1994 ghandha tizdied b'10% ghal LM2393.*

*Dwar il-"multiplier" li ghandu jintuza, l-atturi jissugerixxu "multiplier" ta' ghaxar snin. Il-Qorti tqis dan gust fic-cirkostanzi meta diga' ghaddew sitt snin mill-incident u llum l-attur diga' ghandu 80 sena. Dan il-"multiplier" iwasslu ghall-eta` ta' 84 sena.*

*Ghalhekk il-"lucrum cessans" jinhadem hekk:-*
*LM2,393 X 10 X 5% = LM1,196.50*

*Stante li ghaddew sitt snin mill-incident ghandu mbaghad jitnaqqas 5% ghal "lump sum payment", cioe`*
*LM1,196.50 – LM59.82 = LM1,136.68.*

***Il-lucrum cessans fir-rigward ta' l-attrici.***

*Meta gara l-incident l-attrici kellha 61 sena. Hija xehdet li qabel l-incident kienet tiehu hsieb xi flats li kienet tikri fuq 'long lets', tghin lill-bintha f' "guest house" u anke taghmilha ta' sensara. Jidher ukoll li hija kienet thit ghan-nies. Uliedha mill-ewwel zwieg (l-attur huwa it-tieni ragel taghha) xehdu dwar kemm kienet mara attiva. Il-provi fil-fatt jindikaw li l-attrici kienet mara energetika qabel l-incident u spiccat, kif tixhed hi stess, ma tistax timxi u f'*

*“wheelchair”. Illum hi u zewgha jinsabu residenti fid-Dar ta’ l-Anzjani l-Imtarfa.*

*Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom l-atturi ssottomettew li l-kumpens lill-attrici ghandu jigi kalkolat fuq bazi ta’ LM5,000 fis-sena u tintuza “multiplier” ta’ 19.*

*Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li mara tad-dar hi intitolata ghal kumpens (“Carmelo Zammit et vs George Bezzina et” Qorti ta’ l-Appell 19 ta’ Settembru 1973; Nazzareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et” Qorti ta’l-Appell 16 ta’ Jannar 1984). U fil-kawza fl-ismijiet “Elizabeth Grech vs Mario Briffa” deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta’ Frar 1997 (Citaz. Nru 93/94 GCD), intqal “*billi x-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku, u l-kontribut li taghti mara tad-dar lill-ekonomija domestika ma ghandux jitqies li hu anqas minn dak li jaghti r-ragel, fil-fehma tal-qorti x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa mhux inqas mil-paga minima nazzjonali”, *principju li gie segwit ukoll fil-kawza fl-ismijiet “Maria Dolores Borg et vs Emanuel Zammit” deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta’ Marzu 1999 (Citaz. Nru 1286/93 NA). Issa kieku wiehed kellu jikkonsidra l-paga minima nazzjonali odjerna, skond l-Avviz Legali Nru 220 ta’ l-1999, din hija LM48.38 fil-gimgha, cioe` LM2516 fis-sena. U kieku wiehed kellu jikkunsidra zidiet ohrajn li jinghataw ‘il quddiem, u fuq l-iskorta ta’ l-ahhar sentenza kwotata, jekk din il-figura tizdied b’hamsa fil-mija (5%) iggib LM2641.*

*Il-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom jitfghu d-dubju fuq l-income tax returns ta’ l-atturi ghas-snin bazici 1991 sa 1994 peress li dawn imtlew wara l-incident. Irreferew ukoll ghall-fatt li filwaqt li ta’ 60 sena meta applikat ghall-pensjoni l-attrici qalet li ma kinitx qed tahdem, wara l-1994 qalet kemm kienet tahdem meta ghalqet is-60.*

*Li l-attrici kellha xi postijiet li kienu licenzjati biex jinkrew bhala “holiday flats” jirrizulta mhux biss mill-“income tax returns” izda anke mid Dok MN1 esebit fis-seduta tas-26 ta’ Settembru, 1997 quddiem l-assistenta gudizzjarja.*

*Dwar l-"odd jobs including dress making" li hemm imnizzel fir-"returns" hemm ix-xhieda taghha u ta' uliedha. Id-dikjarazzjonijiet li ghamlet fir-"returns" kienu dikjarazzjonijiet spontaneji. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiskarta bhala fatt li hija kellha dhul iehor apparti l-pensjoni li kienet tippercepixxi. Kien x'kien dak id-dhul, jidher li waqaf kollu minhabba l-incident in kwistjoni. Filwaqt li l-Qorti tikkunsidra l-pretensjoni ta' l-attrici li l-lucrum cessans jigi kalkolat a bazi tas-somma ta' LM5,000 fis-sena bhala eccessiva, a bazi tad-dokumenti esibiti u tax-xhieda mismugha, il-Qorti hija tal-fehma li l-kalkolu ghandu jsir a bazi tas-somma ta' LM4,000 fis-sena. Kieku l-attrici kienet dizokkupata l-kalkolu kien isir a bazi tal-paga minima nazzjonali b'zieda ta' 5% li, kif diga' ntqal aktar 'l fuq, kien jammonta ghal LM2641 fis-sena. l-attrici fl-1994 kienet diga' qed tippercepixxi pensjoni ta' LM929.44. Izda hija kienet mara attiva b'potenzjal li tkompli tikkontribwixxi ghad-dhul ekonomiku tal-familja. Jirrizulta li hija kellha dhul iehor kemm minn kirjiet kif ukoll minn xi xogholijiet ohra li kienet taghmel. Jekk qabel ma kinitx tiddikjara dak id-dhul u issa ddikjaratu ma jfissirx li ma kinitx qed taghmel xoghol bi qligh. Fil-fatt jidher li ghal xi zmien lanqas baghtet "income tax returns" u nhargu "assessments" mid-Dipartiment li hija ma kkontestatx. Il-Qorti hija certa li kienet tkun aktar kuntenta tkompli tahdem sakemm tiflah milli ssib ruhha go "wheelchair"."*

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel qorti waslet biex illikwidat kumpens taht il-kap ta' lucrum cessans ta' l-attrici fis-somma ta' LM31,920 bazat fuq "multiplier" ta' 12 sena u dizabilita` ta' 70%. Barra minn dan l-ewwel qorti illikwida ammont ghad-danni attwali fis-somma ta' LM1,835.75.

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravti bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors ipprezentata fis-6 ta' Gunju, 2000 interponew appell minnha u talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti ghandha tirriforma s-sentenza appellata billi, fi kliem ir-rikors "*tigi konfermata in kwantu laqghat l-ewwel talba tal-atturi appellati dwar*

*responsabbilita` tal-esponenti ghad-danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku mertu ta' dina l-kawza, izda tigi mibdula b'mod li jinghata quantum aktar realistiku, xieraq u konformi mal-ligi.*"

L-aggravji tal-appellanti huma bazikament tnejn u cioe`
a) li l-multiplier adottat ghall-attur Joseph Galea huwa eccessiv.
b) li l-introjtu mehud bhala bazi ghall-komputazzjoni tal-lucrum cessans ta' l-attrici huwa eccessiv u ma jirriflettix r-rizultanzi fil-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

**Dwar l-"multiplier" hekk kif applikat ghal Joseph Galea.**

L-ewwel qorti adottat "multiplier" ta' ghaxar snin fil-konfront ta' l-attur, ragel ta' erbgha u sebghin sena, u cioe` b'"*life expectancy*" ta' erbgha u tmenin sena, mentri adottat "multiplier" ta' tnax-il sena fir-rigward ta' l-attrici li ghalhekk il- "*life expectancy*" taghha giet ikkunsidrata li ma teccedix t-tnejn u sebghin sena. Kunsidrat li huwa scientifikament konstatat li generalment mara ghandha "*life expectancy*" itwal minn dik ta' ragel il-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti tohloq sitwazzjoni anomala billi filwaqt li l-komputazzjoni tad-danni ghat-telf futur fir-rigward ta' l-attur jidher eccessiv in kwantu dawn gew mahduma fuq firxa ta' snin aktar milli suppost, id-danni likwidati fil-konfront tal-attrici huma baxxi billi l-'multiplier' adoperat huwa fuq firxa ta snin relativament inferjuri ghal dak ta' zewgha meta wiehed jikkonsidera li l-attrici, fid-data tal-incident, kienet erbatax-il sena izghar mill-attur.

Dan iwassal lil din il-Qorti tikkondividi l-aggravju mressaq mill-appellanti fir-rigward tal-komputazzjoni tad-danni ghall-attur appellat, u li jkun aktar xieraq li l-"multiplier" jigi ridott ghall-perjodu aktar realistiku li fic-cirkostanzi u partikolarment bil-mewt tal-istess attur appellat f'Jannar 2002, u cioe` tmien snin wara l-akkadut, ma ghandux jeccedi t-tmien snin. Il-"*lucrum cessans*" fir-rigward ta' l-attur Joseph Galea qieghed ghalhekk jigi ridott ghas-

somma ta' LM909.34 u dana wara li tnaqqset somma minhabba l-"lump sum payment" kif jinghad fis-sentenza appellata.

Dan premess din il-Qorti pero` ma tikkondividix is-sottomissjoni tal-appellanti fejn qed tigi mistharrga l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti li akkordat kumpens lill-attur appellat "*fuq medja ta' qliegh annwu awmentat bl-10 fil-mija*" meta l-istess appellant kien u baqa' jippercepixxi pensjoni. Huwa benn stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li kumpens ghal dizabilita` permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneggata ma titlef xejn mill-introjtu taghha – ara f'dan ir-rigward "George Gatt vs Francis E. Carbone nomine" deciza minn din il-Qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju, 1998 u diversi sentenzi ohra in materja. Meta d-danni jirraprezentaw kumpens ghal telf futur, bhal ma huwa l-kaz in ezami, l-qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu percepit fid-data tal-incident progettat fuq il-firxa tas-snin maghzula bhala "multiplier".

Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-grad baxx ta' dizabilita` ghandu jxejjen il-possibilita` li jigi akkordat kumpens u dan ghaliex il-grad ta' dizabilita` li jigi stabbilit permezz ta' esperti in materja qieghed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, izda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun.

**Dwar il-kumpens akkordat lil Teresa Galea.**

L-appellanti qed jissottomettu li l-ewwel qorti giet sgwidata mill-attrici appellata meta accettat "*dikjarazzjonijiet 'tailormade' ghall-kumpens prospettat mill-attrici.*" L-aggravju principali f'dan ir-rigward jidher li hu indirizzat lejn il-fatt li l-ewwel qorti ghamlet il-komputazzjonijiet taghha fuq il-bazi ta' introjtu dikjarat fuq "income tax returns" li gew sottomessi lid-Dipartiment wara l-akkadut, meta l-istess attrici kienet precedentement, fl-okkazzjoni ta' l-applikazzoni ghall-pensjoni, iddikjarat li ma kinitx qed tahdem. Dana, skond l-appellanti, jwassal ghal abbuz tas-sistema gudizzjarju.

Mhux kkontestat li bhala rizultat tal-incident l-attrici soffriet debilita` permanenti fi grad ta' 70% li wassalha sabiex tghaddi hajjitha f'wheelchair. Issa jirrizulta pruvat, kif konstatat ukoll mill-ewwel qorti, li qabel l-akkadut l-attrici kienet persuna <u>attiva hafna</u> tant li bl-attivitajiet kummercjali taghha kienet tikkontribwixxi b'mod determinanti ghall-finanzi tal-familja. Dan ifisser li kieku ma sehhx l-incident in kwistjoni l-attrici kellha certament il-potenzjal li tahdem u taqla l-flus. Huwa dan il-potenzjal li l-qorti trid tivvaluta meta tkun qed tillikwida d-danni.

L-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jipprovdi li d-danneggant ghandu wkoll jaghmel tajjeb ghat-"*telf ta' qligh li* (il-parti li tbati l-hsara) *tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta` jgib.*" Dan l-artikolu pero` ma jistabilixxi ebda regola ta' kif dawn id-danni ghandhom jigu komputati billi, kif jidher mis-subinciz (2) tal-istess artikolu, il-ligi taghti poteri diskrezzjonali hafna in materja meta jinghad li "*is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din <u>l-inkapacita</u>` tigi stabbilita mill-qorti, <u>wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz.</u>*

Certament cirkostanza relevanti li l-qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni hija l-eta` tad-danneggat. Fid-data ta' l-incident l-attrici gia` kellha sittin sena u, ghalkemm ta' dik l-eta` kien jidher li kienet tgawdi sahha li tippermettilha hidma kummercjali, kien mistenni li bl-avvanz tal-eta` dik l-attivita tonqos jew sahansitra tieqaf kompletament. Ghalhekk fil-komputazzjoni tal-kumpens ta' persuna ta' eta` avvanzata li ma tiddependix ghall-introjtu taghha fuq "income" fiss bhal per ezempju pensjoni, izda li tippretendi li l-kumpens jirrifletti l-introjtu taghha minn xi attivita` kummercjali qabel l-akkadut, il-qorti ghandha tipprospetta l-probabbilita` ta' riduzzjoni fl-introjtu proprju minhabba l-eta` dejjem tavvanza tad-danneggat. Dan ghaliex dawn id-danni, ghalkemm jithallsu bil-quddiem, qeghdin jigu komputati fuq firxa ta' snin futuri.

Dan premess, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel qorti sew fir-

rigward tal-“multiplier”, billi wkoll fir-rigward tal-firxa ta’ snin allokati lill-attrici ma hemm ebda kontestazzjoni mill-appellanti, kif ukoll fl-ammont rapprezentanti l-introjtu tal-attrici fis-somma ta’ LM4,000. Din is-somma izda, minhabba dak li jnghad hawn fuq, ghandha tapplika ghall-komputazzjoni tal-kumpens ghall-ewwel sitt snin kunsidrati fil-“multiplier” u, wara dan il-perjodu, il-kumpens ghandu jigi komputat fuq is-somma ridotta ta’ elfejn u sitt mitt lira. B’hekk il-*lucrum cessans* ta’ l-attrici, wara li issir deduzzjoni ta’ 5% minhabba l-‘lump sum’ kif qalet l-ewwel qorti, jammonta ghas-somma ta’ LM26,334.00.

Dwar id-danni realment inkorsi mill-atturi konsistenti fi spejjes necessitati minhabba l-incident jidher li l-appellanti wkoll hassew ruhhom aggravati. Dan, pero`, mhux in kwantu l-appellanti resqu xi prova kuntrarja ghall-ammonti reklamati mill-atturi, izda pjuttost billi, skond l-istess appellanti, il-mod kif l-kontijiet gew ipprezentati jghati wiehed x’jifhem li l-atturi kellhom l-attitudini li “mill-mitluf hu li tista’”. Din pero` mhux raguni valida biex din il-Qorti tikkunsidra mill-gdid l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel qorti fir-rigward u ghalhekk ma tistax tikkunsidra dan l-aggravju.

In sintezi ghalhekk d-danni tal-atturi qeghdin jigu likwidati kif sejjer jinghad:-

a) Lucrum cessans ta’ Joseph Galea LM 909.34

b) Lucrum cessans ta’ Tereza Galea LM 26,334.00

c) Damnum emergens tal-konjugi Galea <u>LM 1,835.75</u>

Total danni LM 29,079.09

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jintlaqa’ billi s-sentenza appellata qed tigi konfermata in kwantu laqghat l-ewwel talba tal-atturi appellati dwar responsabbilita` tal-konvenuti ghad-danni sofferti mill-atturi fl-incident fuq imsemmi, izda riformata in kwantu d-danni likwidati qed jigu ridotti ghall-ammont ta' disgha u ghoxrin elf disgha u sebghin lira Maltin u disa' centezimi (LM29,079.09) ~~u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat.~~ u

konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat bl-imghax mid-data tas-sentenza appellata.[1]

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Korrezzjoni awtorizzata b’digriet tal-Qorti tat-18 ta’ Mejju, 2004.